MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2022

Appell Inferjuri Numru 49/2021 LM

**Mario Griscti (K.I. 427257M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Executive Security Services Ltd. (C 45125)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Executive Security Services Limited (C 45125),** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta' jew 'ESS'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tal-5 ta' Mejju, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li

permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li għandu jilqa' t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent **Mario Griscti (K.I. 427257M)**, illikwida somma ta' €6,000 (sitt elef Euro) bħala kumpens li għandu jitħallas lilu, kif ukoll ordna lis-soċjetà intimata tħallas dan il-kumpens hekk kif likwidat.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent, fl-ittra tiegħu lit-Tribunal spjega li huwa kien ġie mpjegat fuq bażi *part-time* mas-soċjetà intimata fis-16 ta' April, 2015, u dan bħala *security guard* fejn kien stazzjonat f'postijiet storiċi amministrati minn Heritage Malta, fosthom it-tempji ta' Ħaġar Qim. Qal li fl-10 ta' April, 2016 il-kollegi tax-xogħol tiegħu kollha rċevew messaġġ telefoniku bir-*roster* tax-xogħol għall-ġimgħa ta' wara, filwaqt li huwa baqa' ma rċieva xejn. Qal li kien għalhekk li huwa għamel il-verifiki tiegħu, u sar jaf li kienet ingħatat ordni sabiex huwa ma jingħatax aktar xogħol fis-siti ta' Heritage Malta. Kompla jgħid li meta huwa għamel verifiki ulterjuri ma' ta' fuqu, huwa sar jaf li kienu saru xi rapporti dwaru. Qal li huwa qatt ma deher quddiem xi Bord tad-Dixxiplina jew ġie akkużat b'xi ħaġa, u għalhekk għadu ma jafx ir-rapporti li saru dwaru x'kienu jgħidu. Ir-rikorrent qal ukoll li għalkemm huwa għadu jidher bħala impjegat mas-soċjetà intimata, fil-verità huwa mhuwiex jingħata xogħol, u għalhekk is-sitwazzjoni tiegħu hija bħallikieku l-impjieg tiegħu ġie tterminat. Qal ukoll li huwa safa diskriminat, u sal-lum għadhom ma ġewx ippruvati l-allegazzjonijiet li saru dwaru, li minħabba fihom huwa jinsab imċaħħad milli jkompli jaħdem fl-istess post tax-xogħol. In vista ta' dan, ir-rikorrent talab lit-Tribunal jiddikjara li saret diskriminazzjoni fil-

konfront tiegħu, kif ukoll sabiex jiġu likwidati d-danni li jippretendi li huma dovuti lilu, u sabiex jiġi *re-instated* fl-istess post tax-xogħol fejn kien impjegat qabel.

3. Fir-risposta tagħha s-soċjetà intimata wieġbet li r-rikorrent beda jaħdem magħha wara li kien hemm *transfer of business* minn mal-kumpannija li kien jaħdem magħha qabel, għal mas-soċjetà intimata. Qalet li r-rikorrent kien jipprovdi s-servizzi tiegħu fit-tempji ta' Ħaġar Qim u l-madwar, liema postijiet huma amministrati minn Heritage Malta. Qalet ukoll li fil-5 ta' April, 2016, ir-rikorrent kien qiegħed xogħol meta nqala' inċident li kien jinvolvi żewġ persuni li kienu qegħdin iżuru t-tempji. Qalet li sussegwentement kienet saret investigazzjoni minn Heritage Malta, u s-soċjetà intimata ntalbet ma tibgħatx aktar lir-rikorrent biex jaħdem fl-imsemmija tempji. Qalet ukoll li għalhekk kellu jinstab post alternattiv fejn seta' jaħdem ir-rikorrent, imma r-rikorrent kien informa lis-soċjetà intimata li huwa seta' jaħdem biss filgħaxija u mhux matul il-ġurnata. Żiedet tgħid li hija ma kellhiex opportunitajiet ta' xogħol filgħaxija, u għalhekk ma kellha l-ebda xogħol li setgħet toffri lir-rikorrent. Kompliet tgħid li filwaqt li r-rikorrent għadu jidher impjegat fuq il-kotba tagħha u l-impjieg tiegħu baqa' qatt ma ġie tterminat, kien hu li għażel li ma jaħdimx f'ħinijiet li mhumiex konvenjenti għalih.

## <u>Mertu</u>

4. F'dikjarazzjoni li għamel ir-rikorrent, huwa spjega li kien ilu madwar ħames snin jaħdem mal-kumpannija Signal 8 Security bħala *security guard* fit-

Tempji ta' Ħaġar Qim, tal-Imnajdra u fil-*Visitors' Centre Guard Rom,* sakemm fil-15 ta' April, 2015, kien hemm trasferiment tan-negozju lis-soċjetà intimata ESS. Ir-rikorrent spjega li d-direttur tas-soċjetà intimata, kien mar ikellem lill-impjegati dakinhar li n-negozju ġie trasferit lilha, u kien informa lill-ħaddiema li kulħadd kien ser jibqa' jaħdem fl-istess post fejn kien qabel. Qal li meta bdiet toħroġ ir-*roster* huwa beda josserva li huwa ma baqax jiġi assenjat xogħol fil-*Visitors' Centre,* u meta kien tkellem dwar dan ma' Stephen Ciangura, direttur tas-soċjetà intimata, Ciangura kien qallu li ma jistax ikun li kulħadd jagħżel fejn jaħdem. Qal ukoll li fl-istess żmien daħlu jaħdmu mas-soċjetà intimata żewġ nisa, li bdew jingħataw xogħol *Visitors' Centre*, u r-rikorrent sostna li dan jammonta għal diskriminazzjoni u favoritiżmu. Qal li s-sitwazzjoni damet sejra hekk sakemm fl-10 ta' April, 2016, huwa ma ngħatax *roster* tax-xogħol għall-ġimgħa ta' wara. Ir-rikorrent qal li kien hemm okkażjoni meta huwa tkellem ma' Ciangura, u dan stqarr li r-rikorrent kien dejjaq lil kulħadd għaliex ta' spiss kien jikkomunika mar-rappreżentanti tal-*union* u anki mad-Department for Industrial and Employment Relations (DIER) sabiex jistabbilixxi x'jeddijiet kellu.

5. Il-partijiet f'dawn il-proċeduri ipproduċew diversi dokumenti li jinkludu korrispondenza li ġiet skambjata dwar dan il-każ. *Email* partikolari datata 13 ta' April, 2016 bejn Ivan Barbara għal Heritage Malta u Stephen Ciangura għas-soċjetà intimata, li ġiet esebita[1], tispjega li kien hemm inċident fejn inqala' suspett li r-rikorrent kien qiegħed jitlob il-flus lill-viżitaturi tat-tempji, filwaqt li jbiegħ biljetti li kienu diġà ntużaw u li ma kinux aktar validi. Fix-xhieda tiegħu

[1] *A fol.* 55 tal-atti tat-Tribunal.

quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li l-*email* in kwistjoni huwa qatt ma kien raha, u l-allegazzjonijiet li saru dwaru huwa qatt ma kien sema' bihom qabel ma ġew istitwiti dawn il-proċeduri.

6. **Ivan Barbara** *Estate and Security Manager* ma' Heritage Malta spjega li fil-5 t'April, 2016, huwa kien ġie infurmat li kienu marru żewġ turisti ġewwa l-*Visitors' Centre* ta' Ħaġar Qim, u kienu twaqqfu għaliex ma kinux xtraw biljett. It-turisti wieġbu li huma kienu xtraw il-biljett tagħhom mit-tempju, billi fid-daħla tat-tempju ma kienx hemm mezz kif jixtru l-biljetti. Ix-xhud sostna li s-sistema li kienet titħaddem kienet tagħmilha possibbli li biljett jintuża, u wara jerġa' jiġi riċiklat. Ix-xhud qal li huwa kien informa lil Stephen Ciangura b'dan, u kien talbu wkoll jinvestiga l-każ.

7. **Stephen Ciangura**, fl-*affidavit* tiegħu spjega li s-soċjetà intimata tipprovdi servizzi ta' sigurtà lil diversi entitajiet f'għadd ta' siti, inkluż lil Heritage Malta. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien impjegat mas-soċjetà intimata fuq bażi *part-time,* u kien jagħmel xogħol ta' *security* fis-siti ta' Heritage Malta. Qal li fit-13 t'April, 2016, huwa kien irċieva *email* mingħand Ivan Barbara, li dak iż-żmien kien *manager* inkarigat mis-*security officers* ma' Heritage Malta, li kien infurmah li kien hemm allegazzjoni ta' abbuż da parti tar-rikorrent fuq il-post tax-xogħol, u saret ukoll l-allegazzjoni li dan kien qiegħed ibigħ biljetti skaduti. Qal li huwa kien iffaċċja lir-rikorrent li ċaħad dawn l-allegazzjonijiet kontrih, u Heritage Malta ma riditx tieħu passi kriminali fil-konfront tar-rikorrent, għalkemm ma riditx li r-rikorrent jirrapporta aktar għax-xogħol fis-siti tagħha. Ix-xhud qal li huwa kien informa lir-rikorrent b'dan, u kien staqsieh ukoll jekk riedx jaħdem

f'xi siti ieħor bħala *security officer,* iżda dan ma aċċettax għaliex ir-rata ta' ħlas kienet inqas minn dik li kienu jaqilgħu impjegati f'siti ta' Heritage Malta. Fil-kontro-eżami li sarlu, ix-xhud qal li huwa nnifsu kien jieħu ħsieb il-proċeduri ta' dixxiplina li jinvolvu impjegati tas-soċjetà intimata. Ix-xhud qal li s-soċjetà intimata ma kellha l-ebda ħsieb li tittermina l-impjieg tar-rikorrent, u dan kien każ fejn il-Kap ta' Heritage Malta stess talab li r-rikorrent ma jintbagħatx jaħdem aktar f'siti ta' Heritage Malta. Ix-xhud spjega li f'dan il-każ kien sar *transfer of business* u huwa kien obbligat iżomm l-istess impjegati li kienu jaħdmu fis-sit qabel. Qal ukoll li huwa ma setax jissuġġetta lir-rikorrent għal proċess ta' dixxiplina għaliex kien obbligat iżommu fl-impjieg. Qal ukoll li huwa ma setax jibgħat lir-rikorrent jaħdem f'postijiet amministrati mis-settur privat għaliex ir-rata ta' ħlas f'dawn il-postijiet hija ferm inqas minn dik li tħallas Heritage Malta.

## Id-Deċiżjoni Appellata

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-5 ta' Mejju, 2021, it-Tribunal ikkonkluda li f'dan il-każ għandu jkun hemm likwidazzjoni ta' kumpens minħabba l-mod diskriminatorju kif l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat, u għalhekk ordna lis-soċjetà intima tħallas lir-rikorrent is-somma ta' sitt elef Euro (€6,000), u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***
>
> *Il-każ in kwistjoni jirrigwardja impjegat fuq bażi* part-time *li fuqu saru allegazzjonijiet ta' użu ħażin ta' biljetti u li min iħaddmu intalab sabiex ma jibagħtux aktar fuq is-sit fejn dan l-impjegat kien jaħdem, fit-tempji ta' Ħaġar Qim. Is-soċjetà intimata imxiet ma' dawn l-istruzzjonijiet u hekk għamlet. U għamlet hekk u xejn aktar. La investigat l-allegazzjonijiet fir-rapport li sar minn Heritage Malta, la għamlet proċess ta'*

*dixxiplina, m'għamlet xejn. Tant m'għamlet xejn li dan l-impjegat għadu fuq il-kotba tas-soċjetà.*

*L-ewwel punt li ser jittratta t-Tribunal huwa n-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tas-soċjetà. Is-soċjetà ippruvat targumenta illi hija ma setgħet tagħmel xejn għaliex kienet Heritage Malta li tatha istruzzjonijiet sabiex ma tibgħatx aktar lil Mario Griscti fis-siti tagħha. Però hawnhekk it-Tribunal jirreferi għax-xhieda ta' Ivan Barbara fejn kien stqarr li li kieku s-soċjetà kienet qaltlu illi ma kienx Mario Griscti imma kien Ivan Barbara (bħala eżempju), il-Heritage Malta kienet taċċetta lil Griscti fuq is-siti tagħha. Dan it-Tribunal ma jistax jgħid b'ċertezza x'kien ikun l-esitu ta' proċess dixxiplinarju però qatt ma jista' jaċċetta li impjegat ma jingħatax l-opportunità li jiddefendi ruħhu minn allegazzjonijiet u akkużi fil-konfront tiegħu! Huwa xokkanti li r-rikorrent isir jaf l-akkużi fil-konfront tiegħu x'kienu meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni. Fil-kamp industrijali dan id-dritt tal-impjegat huwa prinċipju sakrosant u l-ebda Tribunal mhu ser jaċċetta l-argumenti miġjuba mis-soċjetà. Hija s-soċjetà li timpjega, u għaldaqstant hija s-soċjetà li għandha obbligi lejn il-ħaddiema tagħha u iva hija s-soċjetà li kienet obbligata tagħmel proċess dixxiplinarju sabiex jiġi vverifikat dak li ġie allegat dwar impjegat tagħha. Hekk kif jgħid Selwyn, impjegat għandu dejjem jingħata l-opportunità sabiex jiddefendi ruħhu, jispjega l-verżjoni tiegħu, jgħid li mhux ħati jew inkella jagħti difiża għal dak li jiġi akkużat bih. Fil-każ Romualdo Farrugia vs Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann (fn. 1 deċiżjoni numru 2711, 2021) it-Tribunal qal li dawn l-elementi* "fejn għandu jingħata l-opportunità li jiddefendi ruħhu" *kienu neqsin, kif ukoll* "l-Appellant seta' jiġi penalizzat stante li jkun hemm osservanza tal-prinċipju 'audi alteram partem' fejn huwa jingħata l-opportunità li jiddefendi ruħhu." *It-Tribunal jirreferi ukoll għall-każ John Katakis vs Maltco Lotteries Ltd (fn. 2 deċiżjoni numru 2654, 2020) fejn it-Tribunal qal li* "l-appellant qatt ma ngħatatlu l-opportunità ta' smigħ formali" *u* "li fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg ma ingħatax ir-raġuni għat-tkeċċija u l-appellant qatt ma ngħatatlu l-opportunità ta' smigħ formali fejn ikun jista' jisma' u jiffaċċja lil min qed jakkużah u jkun mgħarraf bir-raġuni ta' tmiem tal-impjieg tiegħu", *l-istess fil-każ John Fauzza vs Dr Carmelo Mifsud Bonnici obo Castile Hotel (fn. 3 ċitazzjoni numru 1168/1977/1, 28 ta' April, 2003, Onor Imħallef Philip Sciberras)* "qatt ma tani ċans inkellmu." *L-Imħallef Sciberras f'din is-sentenza qal li hemm imbagħad l-aspett l-ieħor ossija l-lanjanza tal-attur illi l-konvenut nomine* "qatt ma tani ċans inkellmu". *Dan fis-sens li hu ried jispjegalu l-pożizzjoni u l-kondotta tiegħu; Fuq dawn iż-żewġ aspetti jgħodd l-insenjament fis-sentenza tal-Qorti Ingliża ċitata mill-perit legali fejn ingħad illi min iħaddem* "can properly only dismiss an employee after due warnings and after giving the employee

a chance to explain his conduct" *("Pringle -vs- Lucas Industrial Equipment Ltd" – 1975, I.R.L.R. 266)."*

*Fil-każ John Bundy vs Public Broadcasting Services Ltd, it-Tribunal qal* "Fil-fatt id-deċiżjoni illi jiġi tterminat ir-rikorrent kienet diġà ttieħdet minn qabel ma beda l-proċess ta' investigazzjoni illi l-bord stess ikkonferma li qagħad fuqu biex iddeċieda li jitterminah. Jew se jiddeċiedi wara li tintemm l-investigazzjoni jew se tkun ġa ddeċieda. Barra dan is-soċjetà nfisha qatt ma għajtet jew kellmet lir-rikorrent fuq dan il-każ meta ddeċidiet tindaga kif sar il-kuntratt tal-wasla tal-karozzi. Dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif jingħadda vot unanimu ta' sfiduċja fuq impjegat li l-proċeduri investigattivi li wasslu għad-deċiżjoni ta' terminazzjoni kienu għadhom se jinbdew." *Fil-każ odjern hekk ġara, ittieħdet deċiżjoni min-naħa tas-soċjetà mingħajr qatt ma kellmet lir-rikorrent."*

*It-tieni punt li se jittratta t-Tribunal huwa l-punt imqajjem fid-dikjarazzjoni tar-rikorrent u ċioe fejn huwa qal li ġie ssuġġettat għal trattament diskriminatorju. It-Tribunal jagħmel referenza għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.79 Regolamenti dwar Impjegati* Part-Time *fejn f'regolament 4 trattament inqas favorevoli mal-impjegati* part-time *huwa projbit. F'dan il-każ il-prinċipal waqaf jagħti roster lir-rikorrent, xi ħaġa li setgħet issir biss għaliex huwa kien impjegat* part-time. *Li kieku r-rikorrent kien jaħdem fuq bażi* full-time*, il-prinċipal ma jistax ħabta u sabta ma jdaħħlux aktar xogħol mingħajr ma jiġġustifika għalfejn qed isir dan u aktar u aktar iżommu fuq il-kotba tiegħu.*

***<u>Deċiżjoni</u>***

*It-Tribunal ġie mitlub*

1. *Jiddikjara u jiddeċiedi li s-soċjetà hija responsabbli għal trattament diskriminatorju u jiġu ppreżentati l-provi fuq l-allegazzjonijiet li saru fuqu u minħabba fihom ġie mċaħħad li jkompli jaħdem;*
2. *Jillikwida somma ta' kumpens għal trattament diskriminatorju;*
3. *Jordna lis-soċjetà tħallas is-somma hekk likwidata;*
4. *Jiġi re-instated fuq il-post tax-xogħol li kien fih qabel.*

*Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġew esposti f'dan il-proċess, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li jilqa' t-tieni talba tar-rikorrent.*

*Għaldaqstant it-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrent fis-somma ta' sitt elef euro (€6,000), liema ammont irid jitħallas mill-kumpannija fi żmien sitt ġimgħat mid-data ta' din id-deċiżjoni.*

*Għall-finijiet tal-Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni ta' xogħol."*

## L-Appell

9. Is-soċjetà intimata appellat mid-deċiżjoni appellata fis-17 ta' Mejju, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... filwaqt li tikkonferma l-parti fejn ċaħdet l-ewwel u r-raba' talba tal-attur qua appellat, tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-5 ta' Mejju, 2021 fl-ismijiet* ***Mario Griscti vs Executive Security Services Ltd*** *mogħtija mit-Tribunal Industrijali fejn laqgħet it-tieni u t-tielet talba tal-attur qua appellat u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha tal-attur qua appellat u tiddikjara li s-soċjetà appellanta mxiet sew fil-konfront tal-appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

10. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u sostniet li t-Tribunal ikkontradixxa lilu nnifsu meta fl-ewwel lok ma sabx lis-soċjetà appellanta ħatja ta' trattament diskriminatorju, u fl-istess waqt illikwida kumpens li għandu jitħallas lill-appellat għad-diskriminazzjoni. L-appellat qal li din id-deċiżjoni hija konfliġġenti u kontradittorja għaliex ladarba l-ewwel talba tal-appellat ġiet miċħuda, m'hemm l-ebda raġuni għalfejn hija kellha tiġi kkundannata tħallas kumpens. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-fehma tagħha l-appellat naqas milli jipprova l-event dannuż, kif ukoll naqas milli jipprova li l-event dannuż għandu jiġi imputat lilha.

11. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex id-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex motivata skont il-liġi. L-appellanta qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal kellha tkunmotivata suffiċjentement għal raġunijiet ta' trasparenza, kif ukoll għaliex mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal hemm jedd ta' appell.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

12. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li mhux minnu li t-Tribunal ma ddikjarax li kien qiegħed jilqa' l-ewwel talba tal-appellat, u minn imkien ma jirriżulta li din it-talba ġiet miċħuda. Qal ukoll li minn qari tad-deċiżjoni tat-Tribunal, huwa ovvju li kien hemm żvista da parti tat-Tribunal, u l-kumpens ġie likwidat proprju għaliex it-Tribunal ikkonkluda li f'dan il-każ kien hemm diskriminazzjoni.

13. L-appellat qal ukoll li huwa ma jistax jifhem għal liema raġuni s-soċjetà appellanta qiegħda tgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex motivata, u dan għaliex minn qari tad-deċiżjoni appellata għandu jirriżulta li fil-fatt kien hemm żewġ paġni ta' konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal qabel wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. L-appellat qal li t-Tribunal ikkunsidra li huwa ma ngħatax smigħ xieraq għaliex huwa sar jaf bl-allegazzjonijieti li saru fil-konfront tiegħu wara li nbdew dawn il-proċeduri, kif ukoll ikkunsidra wkoll il-fatt li l-appellat ma baqax jiġi inkluż fir-*roster* għaliex kien *part-timer.* L-appellat ikkonkluda r-rikors tal-appell tiegħu billi qal li għalhekk għandu jirriżulta li l-appell tas-soċjetà

appellanta huwa frivolu u vessatorju għaliex ma jressaqx aggravji sodi sabiex id-deċiżjoni tat-Tribunal tiġi riformata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat u anki tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[deċiżjoni dwar jekk f'dan il-każ kienx hemm diskriminazzjoni]*

15. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal kien ċaħad it-talba tal-appellat biex jiġi ddikjarat li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellat, u konsegwentement id-deċiżjoni li jillikwida kumpens li għandu jitħallas lill-appellat bħala danni għad-diskriminazzjoni sofferta, hija deċiżjoni konfliġġenti u ferm kontradittorja.

16. Il-Qorti qieset li t-Tribunal imkien ma wasal għall-konklużjoni li ma kienet seħħet l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellat, u għall-kuntrarju għamel diversi konsiderazzjonijiet dwar il-fatt illi li kieku l-appellat kien impjegat fuq bażi *full-time,* is-sitwazzjoni tiegħu ma kinitx tkun li huwa jiġi eskluż mir-*roster.* It-Tribunal qies li l-unika raġuni għalfejn l-appellat seta' jiġi eskluż mir-*roster* u għalhekk safa bla xogħol fl-istess waqt li nżamm fuq il-kotba tas-soċjetà, kien il-fatt li huwa kien impjegat fuq bażi *part-time,* u għalhekk kien jiddependi

għax-xogħol fuq skeda li kienet tiġi mogħtija lilu minn ġimgħa għal ġimgħa. It-Tribunal għamel għadd ta' konsiderazzjonijiet dwar dan, u wasal għall-konklużjoni li l-appellat għandu jingħata somma flus bħala kumpens minħabba t-trattament diskriminatorju li huwa sofra. Għall-Qorti ma hemm l-ebda konfużjoni jew *non sequiturs* fil-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal dwar jekk kienx hemm trattament diskriminatorju, biex ta d-deċiżjoni finali tiegħu dwar il-fatt li l-appellat għandu jiġi kkumpensat għat-trattament li huwa ngħata. Huwa minnu li t-Tribunal naqas milli jgħid, fil-parti deċiżiva tad-deċiżjoni appellata, li l-ewwel talba tal-appellat kienet qiegħda tiġi milqugħha, iżda d-deċiżjoni li ħa t-Tribunal li jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lill-appellat hija bbażata fuq il-premessa li s-soċjetà appellanta setgħet timxi b'dan il-mod mal-appellant biss għaliex dan kien impjegat magħha fuq bażi *part-time,* u altrimenti kien ikollha ssegwi proċeduri differenti f'każ li riedet ittemmlu l-impjieg. Għaldaqstant tqis li dan l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[nuqqas ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni tat-Tribunal]*

17. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li d-deċiżjoni appellata hija nieqsa minn kull motivazzjoni, u għalhekk mhijiex valida skont il-liġi. Il-Qorti, wara li qrat id-deċiżjoni appellata, ma tistax taqbel ma' dan l-aggravju. Id-deċiżjoni tat-Tribunal hija maqsuma fi tliet partijiet, u tanalizza l-provi prodotti, it-trattazzjoni li saret mill-avukati difensuri tal-partijiet, kif ukoll tinkludi l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal biex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. It-Tribunal spjega u ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn l-appellat għandu jitħallas kumpens għat-

trattament diskriminatorju li ngħata, anki jekk naqas milli jgħid espressament li qiegħed jilqa' l-ewwel talba tal-appellat. It-Tribunal għamel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar it-trattament li ngħata l-appellat, dwar il-fatt li dan sar jaf biss bl-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tiegħu wara li kienu nbdew il-proċeduri odjerni, kif ukoll għamel għadd ta' osservazzjonijiet dwar jekk kienx hemm diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellat, skont it-talbiet li kellu quddiemu. Din il-Qorti għalhekk ma tarax għalfejn għandha tilqa' dan l-aggravju tas-soċjetà appellanta, stante li dak li qiegħda tilmenta minnu ma jirriżultax ippruvat.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**